# L-iżvilupp ta' blokk ta' appartamenti li qed ikun propost faċċata tar-Riserva Naturali tas-Simar mhux skont il-policies eżistenti

## BirdLife Malta tesprimi l-preokkupazzjonijiet tagħha mal-ERA u mal-PA dwar l-impatt immedjat u fit-tul fuq is-santwarju protett tal-għasafar u sit uniku Natura 2000

BirdLife Malta llum bagħtet ittra miftuħa liċ-Chairman tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) Victor Axiak u liċ-Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) Vincent Cassar biex tesprimi l-preokkupazzjonijiet tagħha għall-iżvilupp ta' blokk ta' appartamenti li qed ikun propost faċċata tar-Riserva Naturali tas-Simar fi Triq il-Pwales, ix-Xemxija.

L-applikazzjoni għall-iżvilupp PA/09759/17 li tipproponi "t-twaqqigħ ta' djar, il-kostruzzjoni ta' ħames appartamenti, *recessed floor* u garaxx *semi-basement*" fl-istess triq tar-riserva tista' tipperikola l-eżistenza tas-santwarju protett tal-għasafar li jifforma parti minn sit Natura 2000 li wieħed mit-truf tiegħu jdawwar zona tal-iżvilupp li tinkorpora lix-Xemxija. Ir-riserva hija wkoll ikklassifikata bħala Zona Speċjali ta' Konservazzjoni (Special Area of Conservation, SAC) għall-ħabitati tagħha u bħala Zona ta' Protezzjoni Speċjali (Special Protection Area, SPA) għall-għasafar. Dan minbarra li hija zona ta' importanza ekoloġika.

Fl-ittra ffirmata mill-Kap Eżekuttiv Mark Sultana, BirdLife Malta esprimiet il-preokkupazzjonijiet tagħha li l-pjani sottomessi mhumiex skont dak li tgħid il-*policy* Xemxija Building Heights li tifforma parti mill-Pjan Lokali tal-Majjistral. Il-limitazzjonijiet marbutin mal-għoli tal-bini taħt din il-*policy* jesiġu massimu ta' erba' sulari, imma l-pjani proposti f'dan l-iżvilupp jindikaw li l-iżvilupp propost se jkun jaqbeż dawn il-limitazzjonijiet minħabba li hemm il-pjan li jinbnew sitt sulari ta' appartamenti fosthom *recessed floor*.

F'Novembru 2016 BirdLife Malta kienet diġà esprimiet il-preokkupazzjonijiet tagħha dwar il-possibilità li seta' jiġi permess żvilupp mad-dawra tar-Riserva Naturali tas-Simar li jkollu impatt negattiv fuq il-vijabilità tar-riserva.

Apparti li kull żvilupp irid isir skont il-*policies* lokali, l-impatt immedjat tal-kostruzzjoni u tal-użu ta' makkinarju kbir fuq il-potenzjal tar-riserva wkoll hu preokkupanti għax jista' jkun ta' dannu għan-natura u jbiegħed lill-viżitaturi mir-riserva.



Impatt aktar fit-tul li jista' jkollu żvilupp intensiv fiz-zona li ddawwar ir-riserva hu dak marbut mat-tniġġis mill-ħsejjes u mid-dwal li jiġi ġġenerat minn aktar bini li jħares fuq ir-riserva, kif ukoll minn aktar ċirkolazzjoni ta' traffiku li ġġib magħha żieda fir-residenti ta' dawn l-inħawi.

Fid-dawl ta' dan, BirdLife Malta qed tħeġġeġ kemm lill-ERA kif ukoll lill-PA biex b'seħħ immedjat jiddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom minħabba n-natura sensittiva tas-sit u biex jekk ikun meħtieġ jaġġornaw il-*policies* inkwistjoni biex jiżguraw li tiġi osservata *buffer area* għas-sit Natura 2000.

BirdLife Malta tinsisti li s-siti kollha li jiffurmaw parti min-netwerk Natura 2000 għandhom ikunu mħarsa akkost ta' kollox, speċjalment meta Malta għandha l-ogħla densità ta' bini fl-Unjoni Ewropea.

L-applikazzjoni bil-proposta biex isir dan l-iżvilupp tressqet quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar f'Settembru 2017 u hu skedat li tkun deċiża fit-2 ta' April 2018.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**

- L-ittra miftuħa mibgħuta liċ-Chairman tal-ERA u liċ-Chairman tal-PA
- Ix-Xemxija Building Heights Policy (Pjan Lokali tal-Majjistral)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn:** https://we.tl/bu1X4NR4Uw (Ritratti ta' BirdLife Malta)

1. Ritratt panoramiku tas-Simar
2. Ritratt mill-ajru tar-Riserva Naturali tas-Simar
3. Ir-Riserva Naturali tas-Simar
4. Fiera tan-Natura li saret fis-Simar fil-Milied 2017
5. Familji jduru mar-riserva
6. Seħer l-Istejjer – sessjonijiet ta' qari għat-tfal fis-Simar
7. Open Day għall-familji fis-Simar
8. Agrett Abjad u Agrett Isfar fir-riserva

**Niżżel il-filmati minn hawn:** https://we.tl/bxz4i7qPDH (Filmati ta' BirdLife Malta)

1. Ir-Riserva Naturali tas-Simar u r-rwol tagħha bħala santwarju importanti tal-għasafar

